**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 2 ta' Novembru, 2023**

Rikors Numru: 403/23 AL

A sive A B

vs

C B

(M.R. Numru 978/2008)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors illi ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1) Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom f'Malta fid-29 ta' Gunju 2008 (DOK A) u matul dan iz-zwieg kien hemm zewg ulied ossia D li twieldet fit-23 Dicembru 2010 u E li twieled fl-10 Jannar 2011.

2) Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' seprazzjoni ppubblikat nhar it-22 ta' Gunju 2022 fl-atti tan-nutar Clinton Bellizzi (DOK B);

3) Illi l-partijiet ilhom jgħixu mhux flimkien mis-16 Jannar 2021 kif imsemmi fil- premessi ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni.

4) Illi m'hemmx manteniment dovut ghall-intimata u ma hemm l-ebda pendenzi jew arretrati fil-manteniment dovut lit-tfal;

5) Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

6) Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal- Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m' huiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

7) Illi l-esponent qieghed jannetti l-affidavit tieghu, bil-Malti (DOK C).

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. A tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-esistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Lulju 2023;

Rat illi l-intimata debitament notifikata, ma dehritx ghal dawn il-proċeduri u ma pprezentantx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Ġunju 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.